**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Disgha u Sittin (70)**

**20 ta' Gunju 2023**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija fl-ufficcju amministrattiv fi Triq it-Tigrija.

**PREŻENTI:**

Aaron Agius - Sindku
Stefan Bajada – Vici Sindku
Victor John Curmi - Kunsillier
Anthony Attard - Kunsillier
Victor Zammit - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

*n/a*

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Aaron Agius ippresieda l-laqgha.

**70.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

70.1.1 Ma gewx ipprezentati ittri ta' apologija mill-Kunsilliera ghal din il-laqgha.

**70.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tat-23 ta' Mejju 2023**

70.2.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa numru 69 li saret nhar it-Tlieta 23 ta' Mejju 2023 fl-ufficcju amministrattiv.

**70.3 Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

70.3.1 Is-Sindku Aaron Agius informa lill-Kunsill li wasalna biex nibdew il-fazi tat-twaqqiegh tal-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill Lokali sabiex jinghata bidu ghall-progett ta' bini ta' Centru Civiku gdid ghal-lokalita' taghna.

Is-Sindku qal li nhar il-Gimgha 16 ta' Gunju 2023 gew xi rapprezentanti tal-kumpanija Terracore Limited sabiex jiehdu xi *samples* ghall-*Building Regulations Office*. Min-naha taghna ma fadal xejn pendenti pero' jonqos l-approvazzjoni tal-BRO sabiex eventwalment jinghata bidu ghal dan il-progett magguri fil-lokalita' taghna.

70.3.2 Is-Sindku Aaron Agius informa lill-Kunsill li x-xoghol ta' asfaltar fuq l-ewwel parti ta' Triq Marga jinsab konkluz. Fil-jiem li gejjin, ser jinghata bidu ghax-xoghol ta' asfaltar fuq it-tieni parti ta' din it-triq wara li jigi rilokat il-main tad-drenagg li hemm f'din il-parti tat-triq. Ix-xoghol ta'

rilokazzjoni ta' dan il-main tad-drenagg ser isir mill-kuntrattur Peter Paul Said u ser jigi iffinanzjat mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma.

70.3.3 Is-Sindku Aaron Agius informa lill-Kunsill li ninsabu ghaddejjin bl-ahhar preparamenti taghna ghall-organizazzjoni tal-hdax-il edizzjoni tal-festival tat-tin u ikel tradizzjonali Malti li ser isir fi Pjazza Il-Vitorja nhar is-Sibt 24 ta' Gunju 2023.

Is-Sindku qal li ghal din l-okkazjoni ser ikollna maghna delegazzjoni ta' tmien persuni – tnejn mill-Kunsill ta' Chevaigné fi Franza, tnejn mill-Kunsill ta' Mergo fl-Italja u erbgha mill-Kunsill ta' San Michele Salentino fl-Italja. Is-Sindku qal li din id-delegazzjoni ser tintlaqa' fix-Xaghra nhar il-Gimgha 23 ta' Gunju 2023 fit-8.00pm permezz ta' Bar-B-Q fil-lukanda *Cornucopia.*

Is-Sindku Aaron Agius qal li l-attivita' tas-Sibt filghaxija fi Pjazza Il-Vitorja ser tibda ghall-habta tas-7.30pm permezz ta' serata ta' talent Xaghri mit-tfal Xaghrin, zfin mix-Xaghra Folk Group, serata ta' muzika tradizzjonali minn Ta' Verna Folk Group u Kuncert muzikali minn George Curmi Il-Puse' u l-*band* tieghu mid-9.30pm 'il quddiem. Is-Sindku qal li l-Ghaqda tal-Armar tax-Xaghra ser tiehu hsieb tarma l-Pjazza bil-bandalori filwaqt li l-Ghaqda tan-Nar tax-Xaghra ser tiehu hsieb tahraq kaxxa tal-kulur minn fuq il-Kazin tal-Partit Laburista fl-istess Pjazza. Fuq mistoqsija tal-Kunsillier Victor Curmi, is-Sindku ikkonferma li l-Ghaqda tan-Nar hadet hsieb il-permessi kollha relatati mal-hruq tan-nar.

Is-Sindku qal li nhar il-Hadd 25 ta' Gunju 2023 ser niltaqghu ghall-ikla ta' nofsinhar fil-Logga Restaurant. Ghal din l-ikla ser ikunu mistiedna l-Kunsilliera kollha flimkien mal-*partners* rispettivi taghhom, l-istaff klerikali flimkien mal-*partners* taghhom u l-membri tad-delegazzjonijiet barranin li ser ikun hawn fostna ghal dan il-festival.

Fuq proposta tal-Kunsillier Victor Curmi, il-Kunsill qabel unanimament li ghall-attivita' tas-Sibt filghaxija fil-Pjazza, ghandhom jintramaw tliet imwejjed ghall-membri tal-Kunsill, l-istaff klerikali u l-membri tad-delegazzjonijiet barranin li ser ikun hawn fostna ghal dan il-festival.

Il-Kunsillier Victor Curmi propona wkoll u l-Kunsill qabel unanimament li ghandna norganizzaw *guided tour* ghad-delegazzjonijiet barranin matul il-gurnata tas-Sibt 24 ta' Gunju 2023. Il-Kunsill qabel li ghandna ninkarigaw lis-Sinjorina Audrey Marie Bartolo sabiex taghti dan il-*guided tour.* F'kaz li s-Sinjorina Bartolo ma tkunx tista', il-Kunsill qabel li ghandna ninkarigaw lis-Sur Joseph Micallef sabiex jaghti din il-*guided tour.*

Rigward il-provvista ta' *bins* fil-Pjazza u tindif wara l-attivita', is-Sindku Aaron Agius qal li dan ser isir mill-haddiema tad-Direttorat ta' Eko-Ghawdex fil-Ministeru ghal Ghawdex. Il-Kunsill irringrazzja lill-Ministeru ghal Ghawdex ghall-assistenza finanzjarja tieghu biex seta' jigi organizzat dan il-festival u anke ghall-ghajnuna logistika li qed joffri f'dan ir-rigward.

Il-Kunsillier Victor Curmi propona li l-Kunsill joffri rigal lill-ex-Sindku tax-Xaghra, Dr. Christian Zammit, ghas-sehem tieghu fil-Kunsill kemm bhala Kunsillier (2007-2019) u anke bhala Sindku (1 ta' Lulju 2019 – 27 ta' April 2023). Is-Sindku Aaron Agius qal li, filwaqt li hu m'ghandu xejn kontra din il-proposta, jahseb li din il-mossa tista' tohloq precedent.

Fid-dawl ta' dan, huwa propona u l-Kunsill qabel unanimament li ghandha ssir attivita' specjali f'okkazjoni ohra li matulha tinghata tifkira lis-Sindki, Vici Sindki, Kunsilliera, Segretarji Ezekuttivi u staff klerikali li hadmu fil-Kunsill Lokali taghna mit-twaqqif tieghu sal-gurnata tal-lum. Din l-attivita' tista' tintrabat mal-kommemorazzjoni tat-tletin anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali li qed jigi iccelebrat matul din is-sena.

70.3.4 Is-Sindku Aaron Agius informa lill-Kunsill li ninsabu ghaddejjin bil-process ta' aggudikazzjoni tat-tender ghax-xoghol ta' *resurfacing* ta' parti minn Triq Ta' Karkar u parti minn Triq Mannar / Triq l-Ghejjun.

Is-Sindku qal li ghadna qed nistennew risposta formali mill-Ministeru ghal Ghawdex rigward ix-xoghol ta' asfaltar ta' parti minn Triq Ta' Karkar peress li din hija *white road* u ghaldaqstant taqa' taht ir-responsabbilita' diretta tal-Ministeru ghal Ghawdex.

Is-Sindku qal li galadarba jkollna din l-approvazzjoni formali, ikun jista' jigi *awarded* dan it-tender wara li jinghalaq il-process ta' aggudikazzjoni taz-zewg offerti li gew sottomessi ghal dan it-tender.

70.3.5 Is-Sindku Aaron Agius propona u l-Kunsill qabel li ghandna nitolbu stima minghand il-kuntrattur Raymond Bonello ghax-xoghol ta' manutenzjoni tal-funtana fil-gnien pubbliku faccata tal-Mithna Ta' Kola. Dan sabiex tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

70.3.6 Is-Sindku Aaron Agius propona u l-Kunsill qabel li ghandna nitolbu stima minghand il-kuntrattur Raymond Bonello ghax-xoghol ta' manutenzjoni tal-funtana fil-gnien pubbliku ta' Triq John Otto Bayer. Dan sabiex tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

Il-Kunsillier Victor Curmi fakkar lill-Kunsill sabiex jiccekkja dwar il-proceduri ta' sahha u sigurta' li jezistu skont il-Ligi f'kaz li ghandu x'jaqsam ma' funtani pubblici.

70.3.7 Is-Sindku Aaron Agius informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill ghandu ma' *Xerri's Landscaping Co. Limited* ghal xoghol ta' manutenzjoni fuq il-*planters* ta' Pjazza Il-Vitorja ser jiskadi fit-30 ta' Gunju 2023.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kuntratt m'ghandux jiggedded u ghandna niccekkjaw mal-Farm Sperimentali tal-Gvern dwar il-possibilita' li jaghtuna xi xitel li nistghu nhawlu bil-haddiema assenjati maghna. Il-Kunsill qabel li mill-1 ta' Lulju 2023 'il quddiem, il-manutenzjoni tal-*planters* fil-Pjazza ghandha ssir mill-haddiema tal-CWSEF li huma assenjati mal-Kunsill Lokali taghna.

## 70.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

70.4.1 Il-Kunsillier Victor Zammit staqsa dwar jekk hux possibbli li jitwahhal *dustbin* quddiem il-hanut ta' *Stephen's* fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Is-Sindku wiegeb li f'din iz-zona diga' hemm zewg *dustbins* u ghaldaqstant ma jarax il-htiega li jitwahhal iehor. Il-Kunsill qabel ma' dan.

70.4.2 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar il-possibilita' li jsir xoghol ta' manutenzjoni bis-siment fi Triq il-Pergla minhabba li tinsab fi stat hazin. Is-Sindku wiegeb li hu jinsab infurmat li din it-triq ser titranga mill-haddiema tal-Ministeru ghal Ghawdex.

70.4.3 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar xi zvilupp kien hemm fuq ix-xoghol ta' provvista u installazzjoni ta' fanali dekorattivi fis-sqaq li jwassal ghall-Mithna Ta' Kola. Is-Sindku wiegeb li l-fanali diga' gew ordnati mill-kuntrattur Richard Cauchi u qed nistennew li jaslu mill-Italja sabiex jigu installati.

70.4.4 Il-Kunsillier Victor Zammit staqsa l-possibilita' li jitnaddaf is-sqaq tal-Ghezien fi Triq Jannar. Is-Sindku Aaron Agius wiegeb li dan ix-xoghol ser isir nhar il-Hamis 22 ta' Gunju 2023 mill-haddiema tal-Kunsill.

70.4.5 Il-Kunsillier Victor Zammit staqsa jekk kienx hemm xi zvilupp fuq it-talba tas-Sur Anthony Hili sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faccata tar-residenza tieghu numru 18 fi Triq l-Ghejun. Is-Sindku wiegeb li din il-materja diga' giet diskussa ma' Transport Malta u din l-Awtorita' thoss li din it-talba mhix gustifikata u ghaldaqstant ma gietx approvata.

70.4.6 Il-Kunsillier Anthony Attard staqsa dwar il-possibilita' li jinxtraw kopji tal-ktieb 'Tifkiriet minn Fomm il-Poplu' miktub minn Gordon Caruana ghall-Kunsilliera u ghal-librerija. Is-Sindku Aaron Agius propona u l-Kunsill qabel li ghandna naraw kemm jiswa dan il-ktieb u filkas nixtru zewg kopji ghall-ufficcju u ghal-librerija pubblika taghna.

**70.5 Qari tal-Korrispondenza**

70.5.1 E-mail minghand David Helm, rapprezentant ta' Xerri's Garden Centre, li fiha qed jinforma lill-Kunsill li l-kuntratt ghall-manutenzjoni tal-planters fi Pjazza il-Vitorja jiskadi fit-30 ta' Gunju 2023. Is-Sur Helm qed jistaqsi jekk il-Kunsill hux ser igedded dan il-kuntratt.

Il-Kunsill iddecieda unanimament li dan il-kuntratt m'ghandux jiggedded u dan ix-xoghol isir mill-haddiema tal-CWSEF assenjati mal-Kunsill Lokali.

70.5.2 E-mail minghand Adrian Parnis, haddiem tal-CWSEF li kien trasferit mill-Kunsill Lokali tax-Xaghra f'Mejju 2023, li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra sabiex jaghtih (a) rapport tax-xoghol li ghamel mal-Kunsill u (b) rapport iehor ta' x'wassal ghat-trasferiment tieghu mill-Kunsill Lokali tax-Xaghra.

Il-Kunsill innota li s-Sur Adrian Parnis qatt ma kien haddiem imhallas mill-fondi tal-Kunsill u ghaldaqstant dan ir-rapport ghandu jintalab lill-CWSEF u mhux lill-Kunsill Lokali.

70.5.3 E-mail minghand l-*Island Car Club* li fiha qed jinforma lill-Kunsill li l-*hill climb* li kellha ssir nhar il-Hadd 11 ta' Gunju 2023 giet posposta ghall-Hadd 24 ta' Settembru 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

70.5.4 Cirkulari numru 043/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Active Ageing and Community Care – Elderly Services Application Form'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

70.5.5 E-mail mis-Segretarjat Parlamentari ghall-Gvern Lokali b'informazzjoni dwar sessjoni ta' ghoti tad-demm li ser issir nhar is-Sibt 24 ta' Gunju 2023 bejn id-9.00am u l-5.00pm fic-Centru tal-Ghoti tad-Demm fil-Pieta'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

70.5.6 E-mail minghand Marthese Cassar, ufficjal tal-*Gozo Regional Development Group (GRDA)*, li fiha qed tistaqsi jekk il-Kunsill Lokali tax-Xaghra huwa interessat li jissieheb bhala membru ta' din l-Awtorita'. Dan bhala parti minn process sabiex din l-Awtorita' tigi rikonoxxuta bhala *Local Action Group* ghall-programm LEADER tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kunsill ma accettax din it-talba peress li f'Ghawdex diga' jezisti l-*Gozo Action Group* li huwa rikonoxxut bhala *Local Action Group* ghall-programm LEADER tal-Unjoni Ewropea.

70.5.7 E-mail minghand Marvic Gauci li jiehu hsieb il-kumpanija Gymnfun bi proposta ghal numru ta' attivitajiet ta' divertiment u edukattivi ghat-tfal u ghall-kbar matul ix-xhur tas-sajf. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob aktar dettalji dwar dawn l-attivitajiet lis-Sur Marvic Gauci.

70.5.8 Cirkulari numru 045/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Fondi ghall-Infurzar waqt l-Attivitajiet fil-Lokal'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

70.5.9 Cirkulari numru 047/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'The Agenzija Zghazagh Summer Programme on the Local Councils' Social Portals'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

70.5.10 Cirkulari numru 048/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Notifika dwar gbir ta' skart nhar l-Erbgha 7 ta' Gunju 2023'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

70.5.11 Cirkulari numru 049/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Survey of locally elected politicians for the European Committee of the Regions'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

70.5.12 Cirkulari numru 050/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'National STEM Awards 2023'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

70.5.13 E-mail mill-Universita' ta' Malta bi stedina lill-Kunsilli Lokali Maltin u Ghawdxin sabiex jattendu ghall-workshop bit-tema 'CoastWAVE Tsunami' li ser isir nhar it-Tlieta 11 ta' Lulju 2023 fis-Salini Resort, San Giljan Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

70.5.14 E-mail mill-Forzi Armati ta' Malta b'informazzjoni dwar ezercizzju sinifikanti mill-Forzi Armati li ser isir f'diversi zoni madwar Ghawdex bejn it-Tnejn 19 u l-Gimgha 23 ta' Gunju 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

70.5.15 Cirkulari numru 051/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Join our M.Sc. in Governance Programme at IDEA Academy – Enrol Today!'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

70.5.16 Cirkulari numru 044/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Laqgha Plenarja 17 ta' Gunju 2023'. Ghal din il-laqgha attendew is-Sindku Aaron Agius u l-Kunsillier Anthony Attard ghan-nom tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra.

70.5.17 E-mail minghand Charlot Caruana, *operations director* tal-kumpanija ALDB & Associates Limited, li fiha qed issir stedina lill-Kunsilli Lokali Ghawdxin sabiex jattendu ghal *Business Breakfast* bit-tema 'Building a Health & Safety Culture in Local Government' li ser isir nhar l-Erbgha 21 ta' Gunju 2023 mid-9.30am san-12.30pm f'Villa Fiorita, Marsalforn.

Ghal dan is-seminar ser jattendu l-Kunsilliera Anthony Attard u Victor Zammit ghan-nom tal-Kunsill Lokali taghna.

70.5.18 Ittra minghand is-Sur Joseph Bajada, Segretarju tas-Socjeta' Filarmonika *Victory*, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra fl-organizazzjoni tal-Kuncert muzikali bhala parti mill-festa titulari ta' Marija Bambina li ser isir nhar il-Hamis 31 ta' Awwissu 2023.

Il-Kunsill qabel li ghandu jikkollabora fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' bi spiza li ma teccedix is-somma ta' € 1500 minhabba l-fatt li din is-sena hija sena specjali li tfakkar il-hamsin anniversarju mill-Inkurunazzjoni tal-istatwa ta' Marija Bambina.

70.5.19 E-mail minghand il-Kav. Joe M. Attard li fiha qed jinforma lill-Kunsilli Lokali Ghawdxin li ghadu kemm ippubblika ktieb tal-poeziji dwar Ghawdex u l-Ghawdxin.

Il-Kunsill qabel li ghandna nixtru zewg kopji ta' dan il-ktieb ghal-librerija pubblika taghna.

70.5.20 Ittra minghand Rosemary Bajada, Segretarja tal-Ghaqda tan-Nar VMB 1973, li fiha qed titlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra fl-organizazzjoni ta' attivita' socjo-kulturali li ser issir nhar il-Gimgha 7 ta' Lulju 2023 fil-Kazin tal-Banda *Victory*.

Il-Kunsill qabel li ghandu jikkollabora fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' bi spiza li ma teccedix is-somma ta' € 800.

70.5.21 Ittra minghand l-Arcipriet tal-Parrocca Mons. Carmelo Refalo li fiha qed jistieden lill-membri tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra sabiex jattendu ghall-Pontifikal ta' Jum l-Anniversarju tal-Inkurunazzjoni li ser isir nhar is-Sibt 2 ta' Settembru 2023 fl-10.00am fil-Knisja Bazilika ta' Marija Bambina.

Il-Kunsill irringrazzja lill-Arcipriet tal-Parrocca ghal din l-istedina u qed jikkonferma l-partecipazzjoni tieghu ghal din ic-celebrazzjoni.

70.5.22 Cirkulari numru 054/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Summer Gala Dinner 2023'. Dan ser isir nhar is-Sibt 22 ta' Lulju 2023 fil-Barrakka Ta' Fuq, il-Belt Valletta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

70.5.23 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li fiha qed jinforma lill-Kunsilli Lokali Maltin u Ghawdxin bi programm ta' tahrig *Train The Trainer* li ser isir nhar il-Gimgha 7 ta' Lulju 2023 f'Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

70.5.24 Cirkulari numru 053/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Clean up – Ministry for Environment'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

70.5.25 Cirkulari numru 055/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Scholarship Schemes within MEYR'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

70.5.26 Cirkulari numru 046/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Post Vakanti Assocjazzjoni Kunsilli Lokali – Assistent Principal Skala 11'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

70.5.27 E-mail minghand Jessica Zammit, *senior brand manager* tal-kumpanija Marsovin, li fiha qed titlob in-*no objection* tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra ghal attivita' li ser issir fl-ghelieqi tal-Marsovin fl-inhawi tar-Ramla l-Hamra nhar il-Gimgha 4 u s-Sibt 5 ta' Awwissu 2023 bejn is-7.00pm u l-11.30pm. Il-Kunsill accetta din it-talba.

70.5.28 E-mail minghand Noel Teuma, President tal-Fondazzjoni Kumittiva, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra fl-organizazzjoni ta' attivita' socjali fil-parkegg tal-Ghar ta' Calypso. Din l-attivita' ser issir nhar is-Sibt 29 ta' Lulju 2023 mit-8.00pm 'il quddiem.

Il-Kunsill qabel li ghandu jikkollabora fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' bi spiza li ma teccedix is-somma ta' € 500.

**70.6 Ilmenti mir-residenti**

70.6.1 Talba minghand Mark Borg ta' Lepanto, Flat 1, Triq Bullara, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faccata tal-garaxx tar-residenza tieghu. Dan peress li t-triq hija dejqa u r-resident qed isib diffikulta' biex johrog il-vettura tieghu mill-garaxx residenzjali tieghu meta jkun hemm vetturi ipparkjati n-naha l-ohra tat-triq. Il-Kunsill qabel li ghandu jressaq din it-talba ghall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

70.6.2 Talba minghand Emanuel Sultana ta' 8, Triq Ghajn Qamar, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faccata tal-garaxx tar-residenza tieghu. Dan peress li t-triq hija dejqa u r-resident qed isib diffikulta' biex johrog il-vettura tieghu mill-garaxx residenzjali tieghu meta jkun hemm vetturi ipparkjati n-naha l-ohra tat-triq. Il-Kunsill qabel li ghandu jressaq din it-talba ghall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

70.6.3 Talba minghand Vincent Vella ta' Triq l-Arcipriet Guzepp Diacono sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naha tal-garaxx tar-residenza tieghu. Il-Kunsill qabel li ghandu jressaq din it-talba ghall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

70.6.4 Talba minghand Joseph Sultana ta' 7, Triq Marsalforn, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naha tal-garaxx tar-residenza tieghu. Il-Kunsill qabel li ghandu jressaq din it-talba ghall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

70.6.5 Talba minghand Victor Refalo ta' Triq Santa Verna sabiex isir *traffic management plan* f'din iz-zona. Il-Kunsill qabel li ghandna ninkarigaw lill-Perit Edward Scerri sabiex jipprepara din il-pjanta.

70.6.6 Talba minghand Marvic Cini ta' Triq Knisja sabiex isiru *speed limits* fi Pjazza Il-Vitorja. Il-Kunsill qabel li ghandna niddiskutu din il-materja ma' Transport Malta qabel ma tittiehed decizjoni dwarha.

70.6.7 Talba mis-Sindku Aaron Agius sabiex il-bieb tal-gebel fl-entratura tal-*playing field* ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru jitwessa' ftit sabiex it-trakk tal-Kunsill ikun jista' jghaddi facilment. Il-Kunsill accetta din it-talba.

70.6.8 Talba mis-Sindku Aaron Agius sabiex terga' titwahhal il-mera fil-bidu ta' Triq Ghajn Wajtar minhabba li din inqalghet minn terzi persuni. Il-Kunsill qabel li ghandna ninkarigaw lill-kuntrattur Raphael Refalo sabiex jerga' jwahhal din il-mera.

70.6.9 Talba minghand Roderick Galea ta' *Olympic Bar*, Pjazza Il-Vitorja, sabiex titranga l-hadida ta' protezzjoni li hemm quddiem dan il-hanut, liema hadida kienet saret wara li ngabet l-approvazzjoni ta' Transport Malta. Il-Kunsill qabel li dan ix-xoghol ghandu jsir.

70.6.10 Talba minghand is-Sindku Aaron Agius sabiex il-Kunsill jippromwovi l-Kuncert minn *Cash & Band* li ser jigi organizzat fi Pjazza Il-Vitorja nhar l-Erbgha 2 ta' Awwissu 2023 mid-9.00pm 'il quddiem.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li dan il-Kuncert ghandu jigi reklamat fuq il-*facebook page* tal-Kunsill. Dan minhabba li hemm Kuncerti ohrajn organizzati mill-Ministeru ghal Ghawdex li ser isiru nhar ta' Erbgha matul ix-xhur tas-sajf fi Pjazza Il-Vitorja.

70.6.11 Talba minghand is-Sindku Aaron Agius sabiex issir rampa quddiem l-Ufficcju tal-Parrocca fi Triq it-28 ta' April 1688 sabiex ikun hemm access ahjar. Il-Kunsill qabel li dan ix-xoghol ghandu jsir.

70.6.12 Talba minghand is-Sindku Aaron Agius sabiex isir xoghol ta' manutenzjoni fuq is-*sleeping policeman* ta' magenb il-Knisja Bazilika fi Triq it-Tigrija.

Il-Kunsill qabel li ghandna ninkarigaw lill-kuntrattur Joe Grima ghal dan ix-xoghol.

**70.7 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

70.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti.

70.7.2 L-iskeda ta' pagamenti kif preżentata ġiet approvata unanimament.

**70.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

70.8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.30pm u ġiet aġġornata b'mod unanimu għal nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2023 fil-5.30pm fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**Aaron Agius**
**Sindku**

**Ivan Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**